IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 14.10.2020
COM(2020) 667 final

ANNEX

ANNESS

tal-

KOMUNIKAZZJONI TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW, LILL-KUNSILL, LILL-KUMITAT EKONOMIKU U SOĊJALI EWROPEW U LILL-KUMITAT TAR-REĠJUNI

Strateġija dwar is-Sustanzi Kimiċi għas-Sostenibbiltà

Lejn Ambjent Ħieles mit-Tossiċità

{SWD(2020) 225 final} - {SWD(2020) 247 final} - {SWD(2020) 248 final} - {SWD(2020) 249 final} - {SWD(2020) 250 final} - {SWD(2020) 251 final}

PJAN TA' AZZJONI

Il-miżuri ppreżentati f'dan il-pjan ta' azzjoni, inklużi l-proposti leġiżlattivi u l-emendi mmirati għar-REACH, se jkunu jeħtieġu li jitwettqu f'konformità mal-prinċipji ta' regolamentazzjoni aħjar u se jkunu soġġetti għal evalwazzjonijiet u valutazzjonijiet kif xieraq.

Azzjonijiet ewlenin li trid tieħu l-Kummissjoni	**Leġiżlazzjoni tal-UE**	**Żmien indikattiv**
Tistabbilixxi roundtable ta' livell għoli bl-għan li tippromwovi l-effiċjenza u l-effettività tal-leġiżlazzjoni dwar is-sustanzi kimiċi, tagħti spinta lill-iżvilupp u l-użu ta' sustanzi kimiċi innovattivi sikuri u sostenibbli, u tissorvelja l-impatt tal-azzjonijiet tal-Istrateġija.		2021
L-innovazzjoni għal sustanzi kimiċi sikuri u sostenibbli tal-UE		
Tiżviluppa kriterji tal-UE għall-approċċ sikur u sostenibbli mid-disinn għas-sustanzi kimiċi		2022
Tistabbilixxi netwerk ta' appoġġ għall-approċċ sikur u sostenibbli mid-disinn fl-UE kollha		2023
Appoġġ finanzjarju għall-iżvilupp, il-kummerċjalizzazzjoni, il-varar u l-użu ta' sustanzi, materjali u prodotti sikuri u sostenibbli mid-disinn		Mill-2021
Timmappja l-ispariġġi fil-ħiliet u d-diskrepanzi fil-kompetenzi tal-approċċ sikur u sostenibbli mid-disinn, u tagħmel rakkomandazzjonijiet		2021
Tistabbilixxi Indikaturi tal-Prestazzjoni Ewlenin li jkejlu t-tranżizzjoni industrijali lejn il-produzzjoni ta' sustanzi kimiċi sikuri u sostenibbli		2021
Tintroduċi rekwiżiti legali dwar il-preżenza ta' sustanzi ta' tħassib fil-prodotti, inkluż il-PFAS, permezz tal-inizjattiva dwar prodotti sostenibbli	Inizjattiva dwar il-prodotti sostenibbli (fil-futur)	2021-2022
Inizjattivi u finanzjament għall-promozzjoni tal-iżvilupp ta' teknoloġiji ekoloġiċi u intelliġenti, materjali avvanzati, u mudell tan-negozju innovattivi għall-produzzjoni industrijali u l-użu tas-sustanzi kimiċi b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju u b'impatt ambjentali baxx		Mill-2021
Aċċess għal finanzjament ta' riskju, b'mod partikolari għall-SMEs u n-negozji ġodda		Mill-2021
Tagħmel emendi għal-leġiżlazzjoni tal-UE dwar l-emissjonijiet industrijali biex tippromwovi l-użu ta' sustanzi kimiċi aktar sikuri mill-industrija tal-UE	Id-Direttiva dwar l-emissjonijiet Industrijali	2021 E
Tidentifika ktajjen ta' valur u dipendenzi ewlenin fejn is-sustanzi kimiċi huma element kostitwenti importanti u tinvolvi ruħha mal-partijiet ikkonċernati biex iżżid il-previżjoni strateġika tal-UE dwar is-sustanzi kimiċi		Mill-2021

Tippromwovi kollaborazzjoni interreġjonali tul ktajjen tal-valur tas-sustanzi kimiċi sostenibbli, permezz tal-ispeċjalizzazzjoni intelliġenti, sabiex jiġi aċċellerat l-iżvilupp ta' proġetti ta' investiment konġunt		Mill-2021
Tappoġġa t-titjib tal-ħiliet u t-taħriġ mill-ġdid tal-forza tax-xogħol għat-tranżizzjoni diġitali u ekoloġika		Mill-2020
Qafas legali tal-UE aktar b'saħħtu biex jiġi indirizzat it-tħassib urġenti dwar l-ambjent u s-saħħa		
Pjan direzzjonali biex jiġu prijoritizzati s-sustanzi karċinoġeniċi, mutaġeniċi u tossiċi għar-riproduzzjoni (CMRs), is-sustanzi li jfixklu s-sistema endokrinali, is-sustanzi persistenti, bijoakkumulattivi u tossiċi (PBT) u sustanzi persistenti ħafna u bijoakkumulattivi ħafna (vPvB), immunotossikanti, newrotossikanti, sustanzi tossiċi għal organi speċifiċi u sensitizzaturi respiratorji għar-restrizzjonijiet (tal-gruppi) skont ir-REACH	REACH (Komitoloġija)	2021
Proposti biex jiġi estiż l-approċċ ġeneriku għall-ġestjoni tar-riskju biex tiżgura li l-prodotti għall-konsumatur ma jkunx fihom sustanzi kimiċi li jikkawżaw kanċers, mutazzjonijiet tal-ġeni, jaffettwaw is-sistema riproduttiva jew is-sistema endokrinali, jew ikunu persistenti u bijoakkumulattivi u tossiċi; tivvaluta l-modalitajiet u ż-żmien biex jiġi estiż l-istess approċċ għal aktar sustanzi kimiċi inklużi dawk li jaffettwaw is-sistemi immunitarji, newroloġiċi jew respiratorji u s-sustanzi kimiċi tossiċi għal organu speċifiku	L-Artikolu 68(2) tar-REACH Ir-Regolament dwar il-Materjali li jiġu f'Kuntatt mal-Ikel Ir-Regolament dwar il-Prodotti Kożmetiċi Id-Direttiva dwar is-Sikurezza tal-Ġugarelli Rotta leġiżlattiva għal prodotti oħra tal-konsumatur (eż. deterġenti) li għandha tiġi identifikata mill-valutazzjoni tal-impatt	2022 2022 2022 2022
Proposta biex jiġi emendat l-Artikolu 68(2) tar-REACH biex jinkludi lill-utenti professjonali	REACH	2022
Tintroduċi rekwiżiti legali obbligatorji skont id-Direttiva dwar is-Sigurtà Ġenerali tal-Prodotti u r-restrizzjonijiet fir-REACH biex tissaħħaħ is-sikurezza tat-tfal minn sustanzi kimiċi perikoluż f'oġġetti tal-kura tat-tfal u fi prodotti oħra għat-tfal (għajr il-ġugarelli)	REACH (Komitoloġija) Id-Direttiva dwar is-Sigurtà Ġenerali tal-Prodotti	2022 2021
Fil-proċess tal-Qafas Strateġiku għas-Saħħa u s-Sikurezza okkupazzjonali li jmiss, tiddefinixxi aktar prijoritajiet biex jiġi indirizzat l-esponiment tal-ħaddiema għal sustanzi perikoluż, inkluż billi jiġu identifikati l-aktar sustanzi ta' ħsara li għalihom il-Kummissjoni	Il-Qafas Strateġiku għas-Saħħa u s-Sikurezza okkupazzjonali	2021

se tipproponi li jiġu stabbiliti limiti okkupazzjonali wara l-proċess ta' konsultazzjoni stabbilit fil-qasam tas-saħħa u s-sikurezza okkupazzjonali		
B'konsultazzjoni mas-sħab soċjali, issaħħaħ il-protezzjoni tal-ħaddiema, b'mod partikolari billi tipproponi li jitnaqqsu l-valuri limitu okkupazzjonali eżistenti għaċ-ċomb u l-asbestos kif ukoll li jiġi stabbilit valur limitu vinkolanti għad-diisoċjanati	Id-Direttiva dwar l-Aġenti Kimiċi, id-Direttiva dwar l-Asbestos fuq il-Post tax-Xogħol	2022
Tiddefinixxi kriterji għall-użi essenzjali, filwaqt li titqies id-definizzjoni tal-Protokoll ta' Montreal		2021-22
Proposta biex jiġi emendat ir-Regolament CLP biex jiġu introdotti klassijiet ta' periklu ġodda dwar is-sustanzi li jfixklu s-sistema endokrinali, il-PBTs/il-vPvBs u s-sustanzi persistenti u mobbli, u biex jiġu applikati fil-leġiżlazzjoni kollha	Ir-Regolament CLP	2021
Taġġorna r-rekwiżiti ta' informazzjoni li jippermettu l-identifikazzjoni tas-sustanzi li jfixklu s-sistema endokrinali fil-leġiżlazzjoni rilevanti, b'mod partikolari fil-qafas tar-REACH, il-leġiżlazzjoni dwar il-prodotti kożmetiċi, il-materjali li jiġu f'kuntatt mal-ikel, il-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti u l-prodotti bijoċidali	REACH (Komitoloġija) Ir-Regolament dwar il-Prodotti Bijoċidali (Annessi) Ir-Regolament dwar il-Prodotti għall-Protezzjoni tal-Pjanti (Komunikazzjonijiet tal-Kummissjoni) Ir-Regolament dwar il-Materjali li jiġu f'Kuntatt mal-Ikel Ir-Regolament dwar il-Prodotti Kożmetiċi	2022 2021 2021 2022 2022
Tivvaluta kif tintroduċi bl-aħjar mod fattur(i) ta' valutazzjoni tat-taħlita fl-Anness I ta' REACH	REACH (Komitoloġija)	2022
Tintroduċi jew issaħħaħ dispożizzjonijiet li jqisu l-effetti kkombinati tas-sustanzi kimiċi fl-ilma, il-materjali li jiġu f'kuntatt mal-ikel, l-addittivi tal-ikel, il-ġugarelli, id-deterġenti, il-kożmetiċi	Id-Direttiva dwar l-Istandards tal-Kwalità Ambjentali/id-Direttiva dwar l-Ilma ta' Taħt l-Art (Annessi) Ir-Regolament dwar il-materjali li jiġu f'kuntatt mal-ikel Ir-Regolament tal-Kummissjoni dwar l-addittivi tal-ikel (Komitoloġija) Ir-Regolament dwar id-deterġenti	2022 2022 2022 2022 2022

	Id-Direttiva dwar is-Sikurezza tal-Ġugarelli Ir-Regolament dwar il-Prodotti Kożmetiċi	2022
Proposta biex jiġi emendat l-Artikolu 57 tar-REACH biex jiżdiedu s-sustanzi li jfixklu s-sistema endokrinali, is-sustanzi persistenti, mobbli u tossiċi (PMT) u persistenti ħafna u mobbli (vPvM) ħafna bħala kategoriji ta' sustanzi ta' tħassib serju ħafna	REACH	2022
Proposta biex jiġu ristretti il-PFAS skont ir-REACH għall-użi mhux essenzjali kollha inkluż fil-prodotti għall-konsumatur	REACH (Komitoloġija)	2022-24
Rieżami tal-annessi tad-Direttiva dwar l-Istandards tal-Kwalità Ambjentali u tad-Direttiva dwar l-Ilma ta' Taħt l-Art biex jiżdiedu l-PFAS fejn possibbli bħala grupp	Id-Direttiva dwar l-Istandards tal-Kwalità Ambjentali/id-Direttiva dwar l-Ilma ta' Taħt l-Art (Annessi)	2022
Tindirizza l-preżenza tal-PFAS fl-ikel billi tintroduċi limiti fil-leġiżlazzjoni dwar il-kontaminanti tal-ikel	Ir-Regolament tal-Kummissjoni dwar l-Kontaminanti tal-Ikel (Komitoloġija)	2022
Proposta biex tiġi riveduta l-leġiżlazzjoni dwar l-emissjonijiet industrijali, u r-Reġistru Ewropew dwar ir-Rilaxx u t-Trasferiment ta' Inkwinanti biex jiġu indirizzati l-emissjonijiet u r-rappurtar tal-PFAS mill-impjanti industrijali	Id-Direttiva dwar l-emissjonijiet Industrijali	2021
Proposta biex jiġu indirizzati l-emissjonijiet tal-PFAS mill-istadju tal-iskart inkluż permezz tar-reviżjoni tal-leġiżlazzjoni dwar il-ħama tad-drenaġġ	Id-Direttiva dwar il-Ħama tad-Drenaġġ	2023
Proposti fil-qafas tal-Konvenzjoni ta' Stokkolma u l-Konvenzjoni ta' Basilea biex jiġi indirizzat it-tħassib dwar il-PFAS fuq skala globali		2023-2024
Approċċ għall-UE kollha u appoġġ finanzjarju għas-soluzzjonijiet innovattivi biex tiġi rrimedjata l-kontaminazzjoni tal-PFAS		Mill-2020
Is-simplifikazzjoni u l-konsolidazzjoni tal-qafas ġuridiku		
Tistabbilixxi l-proċess "Sustanza waħda, valutazzjoni waħda" biex tiġi koordinata l-valutazzjoni tal-periklu/tar-riskju tas-sustanzi kimiċi fil-leġiżlazzjoni kollha dwar is-sustanzi kimiċi, permezz tal-użu ta' Għodda ta' Koordinazzjoni tal-Awtoritajiet Pubbliċi unika, grupp ta' esperti u mekkaniżmu ta' koordinazzjoni tal-Kummissjoni		Mill-2021
Proposta orizzontali għar-riallokazzjoni tal-		2022

ħidma teknika u xjentifika tal-UE dwar is-sustanzi kimiċi lill-aġenziji tal-UE		
Proposta għal regolament ta' twaqqif għall-Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi		2023
Proposta biex jiġi emendat ir-Regolament CLP biex il-Kummissjoni tingħata l-mandat biex tibda klassifikazzjoni armonizza	Ir-Regolament CLP	2021
Rieżami tad-definizzjoni ta' nanomaterjal		2021
Proposta ta' rieżami tal-proċessi tal-awtorizzazzjoni u r-restrizzjoni tar-REACH	REACH	2022
Tistabbilixxi repożitorju tal-UE tal-valuri ta' limitu bbażati fuq is-saħħa tal-bniedem u tal-ambjent		2022
Tistabbilixxi pjattaforma miftuħa dwar id-*data* tas-sikurezza kimika u l-għodod għall-aċċess tad-*data* akkademika rilevanti		2023
Proposta orizzontali biex jitneħħew l-ostakli leġiżlattivi għall-użu mill-ġdid tad-*data*, biex jiġi ssimplifikat il-fluss tad-*data* fil-leġiżlazzjoni u biex jiġu estiżi l-prinċipji tad-*data* miftuħa u tat-trasparenza mis-settur tas-sikurezza tal-ikel tal-UE għal biċċiet oħra tal-leġiżlazzjoni dwar is-sustanzi kimiċi		2023
Proposti biex l-UE u l-awtoritajiet nazzjonali jkunu jistgħu jikkummissjonaw l-ittestjar u l-monitoraġġ tas-sustanzi bħala parti mill-qafas regolatorju		2023
Tiżviluppa qafas ta' indikaturi dwar is-sustanzi kimiċi		2024
Proposta biex jiġi emendat ir-REACH biex tiġi introdotta Kapaċità Ewropea tal-Awditjar	REACH	2022
Temenda r-REACH biex tiżgura l-kontrolli ta' konformità fuq ir-reġistrazzjonijiet kollha tas-sustanzi skont ir-REACH u biex tippermetti r-revoka tan-numri ta' reġistrazzjoni	REACH	2022
Proposta biex jiġi estiż l-ambitu ta' azzjoni tal-OLAF għal investigazzjonijiet dwar iċ-ċirkolazzjoni ta' sustanzi kimiċi illeċiti fl-UE		2022
Proposti għal atti ta' implimentazzjoni skont ir-Regolament dwar is-Sorveljanza tas-Suq biex jiġu stabbiliti kundizzjonijiet u frekwenza uniformi tal-kontrolli għal ċerti prodotti	Ir-Regolament dwar is-Sorveljanza tas-Suq	2022-23
Il-provvediment ta' bażi ta' għarfien komprensiva u trasparenti dwar is-sustanzi kimiċi		
Proposti għal rieżami tar-rekwiżiti għar-reġistrazzjoni fir-REACH biex jiġu żgurati: l-identifikazzjoni ta' sustanzi b'karatteristiċi kritiċi ta' periklu, inklużi l-effetti fuq is-sistemi	REACH	2022

nervużi u immunitarji, il-bidla lejn ir-raggruppament tal-approċċi, ir-reġistrazzjoni ta' subsett ta' polimeri, l-informazzjoni dwar l-impronta ambjentali ġenerali tas-sustanzi kimiċi, l-obbligu ta' rapporti dwar is-sikurezza kimika għal sustanzi bejn 1-10 tunnellati		
Tiżviluppa aġenda strateġika għar-riċerka u l-innovazzjoni għas-sustanzi kimiċi		2022
Tiffinanzja (bijo)monitoraġġ tal-bnedmin u tal-ambjent fl-UE kollha		Mill-2020
Tistabbilixxi Sistema ta' Twissija u Azzjoni Bikrija tal-UE		2023
Il-provvediment ta' mudell li jispira l-ġestjoni tas-sustanzi kimiċi globalment		
Inizjattivi ma' organizzazzjonijiet internazzjonali u l-industrija biex jippromwovu l-użu tal-GHS tan-NU internazzjonalment		Mill-2020
Proposta fil-livell tal-GHS tan-NU biex jiġu introdotti, adottati jew iċċarati kriterji/klassijiet ta' periklu f'konformità mar-Regolament CLP		2022-24
Tagħti appoġġ, b'mod partikolari permezz ta' finanzjament, biex tinbena l-kapaċità tal-pajjiżi terzi li jivvalutaw u jimmaniġġjaw is-sustanzi kimiċi		2020-2022
Tiżgura li s-sustanzi kimiċi perikoluż pprojbiti fl-Unjoni Ewropea ma jiġux prodotti għall-esportazzjoni, inkluż billi temenda l-leġiżlazzjoni relevanti jekk u kif ikun meħtieġ.		2023
Tippromwovi d-diliġenza dovuta fil-produzzjoni u fl-użu tas-sustanzi kimiċi fl-inizjattiva futura dwar il-governanza korporattiva sostenibbli		2020-2024